Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B**

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 2001/110/KE

ta' l-20 ta' Diċembru 2001

li tirrigwarda l-għasel

(ĠU L 10, 12.1.2002, p. 47)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Direttiva 2014/63/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014	L 164	1	3.6.2014

▼B

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 2001/110/KE

ta' l-20 ta' Diċembru 2001

li tirrigwarda l-għasel

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ([1])

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([2]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali ([3]),

Billi:

(1) Ċerti direttivi vertikali dwar oġġetti ta' l-ikel għandhom ikunu simplifikati sabiex jieħdu f'kunsiderazzjoni biss ir-rekwiżiti essenzjali li għandhom jiġu osservati mill-prodotti li jkopru sabiex dawk il-prodotti ikunu jistgħu jiċċirkolaw liberament fis-suq intern, b' konformità mall-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew li kien sar f'Edinburgh fil-11 u t-12 ta' Diċembru ta' l-1992, ikkonfermat minn dawk tal-Kunsill Ewropew fi Brussel fl-10 u l-11 ta' Diċembru ta' l- 1993.

(2) Id-Direttiva tal-Kunsill 74/409/KEE tat-22 ta' Lulju ta' l-1974 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jirrigwardaw l-għasel ([4]) kienet ġustifikata mill-fatt li differenzi bejn il-liġijiet nazzjonali dwar id-definizzjoni ta' l-għasel, it-tipi diversi ta' għasel u l-karatteristiċi meħtieġa tiegħu jistgħu jirriżultaw f'kondizzjonijiet ta' kompetizzjoni inġusta li x'aktarx iwasslu sabiex jiżgwidaw lill-konsumaturi, u b'hekk ikollhom effett dirett fuq l-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq komuni.

(3) Id-Direttiva 74/409/KEE u l-emendi sussegwenti tagħha konsegwentement stabbilixxew definizzjonijiet, speċifikaw it-tipi differenti ta' għasel li jistgħu ikunu mqegħda fis-suq taħt ismijiet approprjati, stabbilixxew regoli komuni dwar il-komposizzjoni u ddeterminaw l-informazzjoni prinċipali ta' l-ittikkettjar sabiex jiġi assigurat il-moviment liberu ta' dawn il-prodotti fil-Komunità.

(4) Għall-iskop ta' ċarezza id-Direttiva 74/409/KEE għandha terġgħa tkun magħmula, biex tagħmel ir-regoli dwar il-kondizzjonijiet għall-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' l-għasel iktar aċċessibbli u biex tinġieb konformi mal-leġislazzjoni ġenerali tal-Komunità dwar oġġetti ta' l-ikel, b'mod partikolari l-leġislazzjoni dwar l-ittikkettjar, il-kontaminanti u l-metodi ta' l-analiżi.

([1]) ĠU C 231, tad-9.8.1996, p. 10.
([2]) ĠU C 279, ta' l-1.10.1999, p. 91.
([3]) ĠU C 56, ta' l-24.2.1997, p. 20.
([4]) ĠU L 221, tat-12.8.1974, p. 10. Direttiva kif l-aħħar emendata permezz ta' l-Att Ta' Adeżjoni ta' l-1985 ta' Spanja u l-Portugall.

▼B

(5) Ir-regoli ġenerali ta' l-ittekkettjar ta' l-ikel stabbiliti fid-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) għandhom japplikaw suġġetti għal ċerti kondizzjonijiet. Minħabba l-konnessjoni mill-qrib bejn il-kwalità ta' l-għasel u l-oriġini tiegħu, huwa indispensabbli li l-informazzjoni kollha fuq dawk il-materji tkun disponnibbli sabiex il-konsumatur ma jkunx żgwidat rigward il-kwalità tal-prodott. L-interessi partikolari tal-konsumatur rigward il-karatteristiċi ġeografiċi ta' l-għasel u t-trasparenza sħiħa f'dan ir-rigward jinneċessitaw li l-pajjiż ta' l-oriġini fejn l-għasel kien inġabar għandu jkun inkluż fit-tikketta.

(6) L-ebda polline jew ingredjent individwali ieħor ta' l-għasel m'għandu jitneħħa, sakemm dan huwa inevitabbli meta materja barranija organika jew mhux organika tkun imneħħija. Dak il-proċess jista' jsir permezz ta' filtrazzjoni. Fejn din il-filtrazzjoni twassal għal tneħħija ta' kwantità sinifikanti ta' polline, il-konsumatur għandu jkun informat b'dan korrettament permezz ta' indikazzjoni approprjata fuq it-tikketta.

(7) Għasel, liema isem jinkludi indikazzjonijiet ta'oriġini minn fjuri, veġetali, reġjonali, territorjali jew topografiċi jew kriterji ta' kwalità speċifika ma jistax ikollu għasel filtrat miżjud miegħu. Sabiex it-trasparenza tas-suq tista' tkun imtejba, l-ittikkettjar ta' għasel iffiltrat u għasel biex jinħadem għandu jkun mandatarju għal kull transazzjoni fis-suq ta' volum kbir.

(8) Kif il-Kummissjoni enfasizzat fil-komunikazzjoni tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ta' l-24 ta' Ġunju 1994 dwar l-apikoltura Ewropea, il-Kummissjoni tista' tadotta metodi ta' analiżi sabiex tassigura konformità mal-karatteristiċi ta' komposizzjoni u dikjarazzjonijiet addizzjonali speċifiċi għall-għasel kollu imqiegħed fis-suq tal-Komunità.

(9) Huwa mixtieq li tittieħed kunsiderazzjoni tax-xogħol imwettaq fuq standard ta' Codex ġdid għall-għasel, aġġustat, kif approprjat, għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-Komunità.

(10) F'konformità mal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità stabbiliti permezz ta' l-Artikolu 5 tat-Trattat, l-għan ta' stabbiliment ta' definizzjonijiet komuni u regoli għall-prodotti kkonċernati u li jġibu d-disposizzjonijiet konformi mal-leġislazzjoni ġenerali tal-Komunità fuq oġġetti ta' l-ikel ma jistax ikun milħuq biżżejjed mill-Istati Membri u għalhekk jista', minħabba n-natura ta' din id-Direttiva, ikun milħuq aħjar mill-Komunità. Din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex ikun milħuq l-għan imsemmi.

([1]) ĠU L 109, tas-6.5.2000, p. 29.

▼B

(11) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom ikunu adottati b' konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju ta' l-implimentazzjoni ta' poteri mogħtija lill-Kummissjoni ([1])

(12) Biex ma' jinħolqux ostakoli ġodda għall-moviment liberu, l-Istati Membri għandhom iżommu milli jadottaw, għall-prodotti in kwistjoni, disposizzjonijiet nazzjonali li m'hemmx provdut għalihom f'din id-Direttiva,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Din id-Direttiva għandha tapplika għall-prodotti definiti fl-Anness I. Dawn il-prodotti għandhom jikkonformaw ma' r-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness II.

Artikolu 2

Id-Direttiva 2000/13/KE għandha tapplika għall-prodotti definiti fl-Anness I, bla ħsara għall-kondizzjonijiet li ġejjin:

1. it-terminu "għasel" għandu jkun applikat biss għall-prodott definit fl-Anness I, punt 1, u għandu jkun użat fil-kummerċ sabiex jindika dak il-prodott;

2. l-ismijiet tal-prodotti msemmija fl-Anness I, punti 2 u 3, għandhom japplikaw biss għall-prodotti definiti hemm u għandhom ikunu użati fil-kummerċ biex jindikaw lilhom. Dawn l-ismijiet jistgħu jkunu sostitwiti permezz ta' l-isem sempliċi tal-prodott "għasel", ħlief fil-każ ta' għasel iffiltrat, għasel tax-xehda, għasel fi blokki jew maqtugħ mix-xehda, u għasel biex jinħadem.

   Madankollu,

   (a) fil-każ ta' għasel biex jinħadem, il-kliem "maħsub għat-tisjir biss" għandhom jidhru fuq it-tikketta kemm jista' jkun qrib ta' l-isem tal-prodott;

   (b) ħlief fil-każ ta' għasel iffiltrat u għasel biex jinħadem, l-ismijiet tal-prodott jistgħu jkunu supplimentati b'informazzjoni li tirreferi għal:

      — oriġini minn fjuri jew ħxejjex, jekk il-prodott ġej kollu jew prinċipalment mis-sors indikat u li għandu karatteristiċi organolettiċi, fisiko-kimiċi u mikroskopiċi tas-sors,

      — oriġini reġjonali, territorjali jew topografika, jekk il-prodott ġej kollu kemm hu mis-sors indikat,

      — kriterji speċifiċi ta' kwalità;

([1]) ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23.

▼B

3. fejn għasel biex jinħadem ġie użat bħala ingredjent f'oġġett ta' ikel kompost, it-terminu "għasel" jista' jkun użat fl-isem tal-prodott ta' l-oġġett ta' l-ikel kompost minflok it-terminu "għasel biex jinħadem". Madankollu, fil-lista' ta' ingredjenti, it-terminu kif imsemmi fl-Anness I, punt 3, għandu jkun użat;

4. ►M1 (a) il-pajjiż jew pajjiżi ta' oriġini fejn inġabar l-għasel għandhom ikunu indikati fuq it-tikketta.

Minkejja l-ewwel subparagrafu, jekk l-għasel joriġina f'aktar minn Stat Membru jew pajjiż terz wieħed, l-indikazzjoni tal-pajjiżi tal-oriġini tista' tiġi sostitwita b'waħda minn dawn li ġejjin, kif ikun xieraq:

— "taħlita ta' għasel tal-UE",

— "taħlita ta' għasel mhux tal-UE",

— "taħlita ta' għasel tal-UE u mhux tal-UE"; ◄

(b) Għall-fini tad-Direttiva 2000/13/KE u b'mod partikolari l-Artikoli 13, 14, 16 u 17 tagħha, id-dettalji li għandhom ikunu indikati skond is-subparagrafu (a) għandhom jiġu ikkunsidrati bħala indikazzjonijiet skond l-Artikolu 3 ta' dik id-Direttiva;

▼M1

5. billi t-trab tad-dakra huwa kostitwent naturali partikolari għall-għasel, ma għandux jitqies bħala ingredjent, fit-tifsira tal-punt (f) tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1], tal-prodotti ddefiniti fl-Anness I ta' din id-Direttiva.

▼B

Artikolu 3

Fil-każ ta' għasel iffiltrat u għasel biex jinħadem, konteniturі bil-kwantita', pakki u dokumenti kummerċjali għandhom jindikaw b'mod ċar l-isem sħiħ tal-prodott, kif imsemmi fl-Anness I, punt 2(b)(viii), u punt 3.

▼M1

Artikolu 4

1. Għall-finijiet tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 9 ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni tista', filwaqt li tqis l-istandards internazzjonali u l-progress tekniku, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni li huma konformi mar-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2], tistabbilixxi metodi ta' analiżi biex tivverifika jekk l-għasel huwiex konformi mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva. Dawk l-atti

[1] Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1924/2006 u (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kummissjoni 87/250/KEE, id-Direttiva tal-Kunsill 90/496/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/10/KE, id-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kummissjoni 2002/67/KE u 2008/5/KE u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 608/2004 (ĠU L 304, 22.11.2011, p. 18).

[2] Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-welfare tal-annimali (ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1).

▼M1

ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati b'konformita' mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 7(2) ta' din id-Direttiva. Sa l-adozzjoni ta' dawn il-metodi, l-Istati Membri għandhom, fejn possibbli, jużaw metodi ta' analiżi validati rikonoxxuti internazzjonalment bħal dawk approvati mill-Codex Alimentarius biex jivverifikaw il-konformità mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.

2. Sabiex jiġi żgurat li jkun hemm prattiki kummerċjali ġusti u li jitħarsu l-interessi tal-konsumaturi u li jkunu jistgħu jiġu stabbiliti metodi rilevanti ta' analiżi, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tadotta atti delegati, skont l-Artikolu 6, biex tissupplimenta din id-Direttiva billi tistabbilixxi l-parametri kwantitattivi relatati ma' dan li ġej:

(a) il-kriterju ta' "primarjament" fir-rigward tal-oriġini minn fjuri jew ħxejjex tal-għasel kif imsemmi fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 2(2)(b); kif ukoll,

(b) il-kontenut minimu tat-trab tad-dakra fl-għasel iffiltrat wara t-tneħħija ta' materjal organiku jew inorganiku estranju, msemmi fil-punt 2(b)(viii) tal-Anness I.

Il-Kummissjoni għandha tipprevedi, f'dawk l-atti delegati, arranġamenti tranżizzjonali xierqa għal prodotti mqiegħda fis-suq qabel id-data tal-applikazzjoni tagħhom.

▼B

Artikolu 5

Għall-prodotti definiti fl-Anness I, l-Istati Membri ma għandhomx jadottaw dispożizzjonijiet nazzjonali li mhumiex previsti f'din id-Direttiva.

▼M1

Artikolu 6

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni tal-atti delegati msemmija fl-Artikolu 4(2) hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin mit-23 ta' Ġunju 2014. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perjodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġġedded taċitament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jopponu tali tiġdid sa mhux aktar tard minn tliet xhur qabel tmiem kull perijodu.

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 4(2) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Id-deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni* Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità tal-atti delegati li huma diġà fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah b'mod simultanju lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

▼M1

5. Att delegat adottat skont l-Artikoli 4(2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġi espressal-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn mid-data tan-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dan il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dan il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 7

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina tal-Ikel u s-Saħħa tal-Annimali (il-"Kumitat") mwaqqaf bl-Artikolu 58(1) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]). Il-kumitat huwa kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]).

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Fejn il-Kumitat ma jagħti l-ebda opinjoni, il-Kummissjoni ma għandhiex tadotta l-abbozz ta' att ta' implimentazzjoni u għandu japplika t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

▼B

Artikolu 8

Id-Direttiva 74/409/KEE hija b'dan imħassra b'effet mill-1 ta' Awissu 2003.

Riferenzi għad-Direttiva mħassra għandhom ikunu interpretati bħala riferenzi għal din id-Direttiva.

Artikolu 9

L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ, il-liġijiet, regolamenti u disposizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva qabel l-1 ta' Awissu 2003. Għandhom minnufih jinfurmaw bihom lill-Kummissjoni.

Il-miżuri għandhom ikunu applikati sabiex:

— jawtorizzaw it-tqegħid fis-suq tal-prodotti definiti fl-Anness I jekk jikkonformaw mad-definizzjonijiet u regoli stabbiliti f'din id-Direttiva, b'effett mill-1 ta' Awissu 2003;

— jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li ma jikkonformawx ma' din id-Direttiva, b'effett mill-1 ta' Awissu 2004.

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi tal-ikel, li jistabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal- eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

▼B

Madankollu, it-tqegħid fis-suq ta' prodotti li ma jikkonformawx ma' din id-Direttiva u ttikkettjati qabel l-1 ta' Awissu 2004 b'konformità mad-Direttiva 74/409/KEE għandhom jitħallew sakemm il-ħażniet jispiċċaw.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, dawn għandu jkollhom riferenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'din ir-riferenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi li bihom isiru dawn ir-riferenzi għandhom ikunu stabbiliti mill-Istati Membri.

Artikolu 10

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Artikolu 11

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

▼B

ANNESS I

ISMIJIET, DESKRIZZJONIJIET TA' PRODOTTI U DEFINIZZJONIJIET.

1. L-għasel huwa s-sustanza naturali ħelwa magħmula min-naħal *Apis mellifera* min-nektar tal-pjanti jew minn tnixxijiet ta' partijiet ħajja ta' pjanti jew eskrezzjonijiet ta' insetti li jerdgħu mill-pjanti fuq il-partijiet ħajja tal-pjanti, li n-naħal jiġbru, jittrasformaw billi jikkombinaw ma' sustanzi speċifiċi tagħhom stess, jiddepositaw, jiddeidraw, jaħżnu u jħallu fix-xehdi ta' l-għasel sabiex isiru u jimmaturaw.

2. It-tipi prinċipali ta' għasel huma kif ġej:

(a) skond l-oriġini:

(i) għasel taż-żahar jew għasel tan-nektar

Għasel miksub min-nektar tal-pjanti;

(ii) għasel *honeydew*

għasel miksub prinċipalment mill-eskrezzjonijiet ta' insetti li jerdgħu il-pjanti (*Hemiptera*) fuq il-parti ħajja ta' pjanti jew tnixxijiet ta' partijiet ħajjin ta' pjanti;

(b) skond il-mod ta' produzzjoni u/jew preżentazzjoni:

(iii) għasel tax-xehda

Għasel maħżun min-naħal fiċ-ċelel ta' xehdiet mibnijin ġodda bla duqqajs jew folji rqaq ta' qiegħ ix-xehda magħmulin biss minn xama' tan-naħal u mibjugħin f'xehdiet sħaħ issiġġillati jew partijiet ta' dawn ix-xehdiet;

(iv) għasel fi blokki jew qatgħat mix-xehda fl-għasel

Għasel li għandu biċċa jew iktar minn biċċa ta' għasel tax-xehda;

(v) għasel imsoffi

Għasel miksub permezz ta' tisfija ta' xehdiet bla saqaf mingħajr duqqajs;

(vi) għasel estratt

Għasel miksub biċ-ċentrifugar ta' xehdiet bla saqaf u mingħajr duqqajs;

(vii) għasel ippressat

Għasel miksub bil-pressar ta xehdiet mingħajr duqqajs bi jew mingħajr l-applikazzjoni ta' sħana moderata li ma teċċedix 45 °C;

(viii) għasel iffiltrat

Għasel miksub bit-tneħħija ta' materjal inorganiku jew organiku b'tali mod li jirriżulta fit-tneħħija sinifikanti ta' polleni.

▼B

3. Għasel biex jinħadem

Għasel li huwa (a) adatt għal użi industrijali jew bħala ingredjent f'oġġetti ta' ikel oħra li huma imbagħad ipproċessati u (b) jista':

— għandu togħma jew riħa barranija, jew

— beda jiffermenta jew iffermenta, jew

— kien imsaħħan wisq.

▼B

ANNESS II

KRITERJI TA' KOMPOSIZZJONI GĦALL-GĦASEL

L-għasel jikkonsisti essenzjalment f'zokkrijiet differenti, speċjalment fruttosju u glukosju kif ukoll sustanzi oħra bħal aċidi organiċi, enżimi u partikoli solidi derivati mill-ġbir ta' l-għasel. Il-kulur ta' l-għasel ivarja minn kważi bla kulur għal kannella skur. Il-konsistenza tista' tkun fluwida, viskuża jew parzjalment sa kompletament kristalliżata. It-togħma u l-aroma jvarjaw, iżda huma derivati minn oriġini tal-pjanti.

Meta mqiegħed fis-suq bħala għasel jew użat fi kwalunkwe prodott intenzjonat għal konsum mill-bniedem, għasel ma' għandux jiżdied miegħu ebda ingredjent ta' ikel, inklużi addittivi ta' l-ikel, u l-anqas addizzjonijiet oħra ma għandhom isiru ħlief l-għasel. L-għasel għandu, kemm jista' jkun, ikun ħieles minn materji organiċi jew inorganiċi barranin għall-kompożizzjoni tiegħu. Bl-eċċezzjoni tal-punt 3 ta' l-Anness I, ma għandux ikollu togħmiet jew irwejjaħ barranin, ikun beda jiffermenta, ikollu aċidità mbiddla artifiċjalment jew ikun ġie msaħħan b'tali mod li l-enżimi naturali ikunu ġew jew distrutti jew inattivati b'mod sinifikanti.

▼M1

Mingħajr preġudizzju għall-punt 2(b)(viii) tal-Anness I, la t-trab tad-dakra u lanqas xi kostitwent ieħor partikolari għall-għasel ma jista' jitneħħa ħlief fejn dan hu inevitabbli fit-tneħħija ta' materjal inorganiku jew organiku.

▼B

Meta mqiegħed fis-suq bħala għasel jew użat fi kwalunkwe prodott intenzjonat għall-konsum mill-bniedem, l-għasel għandu jilħaq il-kriterji ta' komposizzjoni li ġejjin:

1. Kontenut ta' zokkor

1.1. Kontenut ta' fruttosju u glukosju (l-għadd tat-tnejn)

— għasel taż-żahar	mhux inqas minn 60 g/100 g
— għasel *honeydew*, taħlit ta' għasel *honeydew* ma' għasel taż-żahar	mhux inqas minn 45 g/100 g

1.2. Kontenut ta' sukrosju

— in ġenerali	mhux iktar minn 5 g/100 g
— akaċja falza (Robinia pseudoacacia), alfalfa (Medicago sativa), Menzies Banksia (Banksia menziesii), *honeysuckle* Franċiża (Hedysarum), gomma ħamra (Eucalyptus camadulensis), *leatherwood* (Eucryphia lucida, Eucryphia milliganii), Citrus spp.	mhux iktar minn 10 g/100 g
— *lavender* (Lavandula spp.), *borage* (Borago officinalis)	mhux iktar minn 15 g/100 g

2. Kontenut ta' ndewwa

— in ġenerali	mhux iktar minn 20 %
— *heather* (*Calluna*) u għasel biex jinħadem in ġenerali	mhux iktar minn 23 %
— għasel biex jinħadem mill-*heather* (*Calluna*)	mhux iktar minn 25 %

3. Kontenut li ma' jinħallx fl-ilma

— in ġenerali	mhux iktar minn 0,1 g/100 g
— għasel ippressat	mhux iktar minn 0,5 g/100 g

▼B

4. Konduttività elettrika

— għasel mhux imniżżel hawn taħt, u taħlit ta' dan l-għasel	mhux iktar minn 0,8 mS/ċm
— *honeydew* u għasel tal-qastan u taħlit ta' dawn ħlief ma'dawk imniżżla hawn taħt	mhux iktar minn 0,8 mS/ċm
— eċċezzjonijiet: siġra tal-frawli(*Arbutus unedo*), *bell heather* (*Erica*),ewkaliptus, *lime* (*Tilia* spp.), *ling heather* (*Calluna vulgaris*), manuka jew *jelly bush* (leptospermum), siġra tat-te' (Melaleuca spp.)	

5. Aċidu liberu

— in ġenerali	mhux iktar minn 50 milli-ekwivalenti aċidu kull 1 000 gramma
— għasel biex jinħadem	mhux iktar minn 80 milli-ekwivalenti aċidu kull 1 000 gramma

6. Attività diastase u kontenut *hydroxymethylfurfural* (HMF) determinat wara pproċessar u taħlit

(a) Attività diastase (Skala Schade)

— in ġenerali, ħlief għasel biex jinħadem	mhux inqas minn 8
— għasel b'kontenut baxx ta' enżimi naturali (eż għasel taċ-ċitru) u kontenut HMF ta' mhux iktar minn 15 mg/kg	mhux inqas minn 3

(b) *HMF*

— in ġenerali, ħlief għasel biex jinħadem	mhux iktar minn 40 mg/kg (bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' (a), t-tieni inċiż)
— għasel ta' oriġini dikjarata minn reġjuni ta' klima tropikali u taħlit ta' dan l-għasel	mhux iktar minn 80 mg/kg